MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 975/1998/1

**Angelico Pulis**

**vs**

**Agrisupplies Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta :-

Illi l-istanti kien impjegat mas-socjeta' konvenuta, ezercenti l-kummerc bid-ditta Pollo d' Oro fil-grad ta' butcher;

Illi nhar it-tlieta 7 ta’ Ottubru 1997 waqt li l-istanti kien qed jaghmel xoghol fuq magna li tnaddaf l-interjuri tat-tigieg, inqabditlu idu fil-magna u tilef parti minn zewg swaba’ ta’ idu x-xellugija;

Illi dan l-incident gara unikament bi htija tas-socjeta’ konvenuta minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, nuqqas ta’ hsieb u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti u minhabba li naqset li tipprovdi sistema sigura tax-xoghol (safe system of work);

Illi b’ rizultat ta’ l-incident l-istanti garrab danni inkluza dizabilita’ permanenti;

Illi minkejja li giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagonati minnha s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti, m’ghandhiex:-

tiddikjara lill-istess socjeta’ konventua responsabbli ghall-incident imsemmi tas-7 ta’ Ottubru 1997 u ghad-danni kollha li sofra l-istanti b’ konsegwenza tal-istess;

tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-operat ta’ perit nominand;
tikkundannha thallas lill-istanti is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-7 ta’ Novembru 1997, tal-5 ta’ Dicembru 1997, tas-16 ta’ Jannar 1998, tat-2 ta’ Frar, 1998 u ta’ l-24 ta’ April 1998, tat-28 ta’ Marzu 1997 u ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Frar 1998, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ngunta biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-incident de quo gara tort u htija unikament tal-istess attur in vista ta' negligenza, traskuragni, inprudenza, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tieghu;

2. Illi relattivament ghat-tieni u t-tielet talbiet attrici dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi jsegwi illi ma hemm ebda danni x' jigu likwidati fil-konfront tal-eccepjenti;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tagha;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Mejju 1999 li bih gie nominat bhala espert mediku t-tabib Mr. Charles Grixti bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert mediku li gie debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-28 ta' April 2000;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 2000 li bih giue nominat bhala espert tekniku l-Professur Joseph Mifsud bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Dicembru 2001 li bih giet nominata bhala espert legali l-Avukat Dottor Jackie Borg sabiuex tassisti lill-perit tekniku gia nominat;

Rat ir-rapport u r-relazzjoni rispettivament tal-espert tekniku u tal-espert leagli debitament konfermati bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-28 ta’ Gunju 2004;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet lill-attur u lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-attur kien impjegat bhala “butcher” mas-socjeta’ konvenuta. Fis-7 ta’ Ottubru 1997 sehh incident u dana waqt li huwa kien qed jaghmel xoghol fuq magna li tnaddaf l-interjuri tat-tigieg. F’dan l-incident lill-attur inqabditlu idu fil-magna in kwestjoni u bhala konsegwenza tilef parti minn zewg swaba’ ta’ idu x-xellugija;

L-attur jippretendi li dan l-incident gara unikament bi htija tas-socjeta’ konvenuta, li, fost affarijiet ohra, naqset li tipprovdi sistema sigura tax-xoghol (safe system of work). Fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur specifika illi l-magna ma’ kienitx provduta bi switch vicin biex f’kaz ta’ incident tkun tista’ tigi mitfija u inoltre huwa ma kienx provdut b’ingwanti adegwati biex jipprevjeni incident simili. L-attur jippremetti ukoll li b’rizultat ta’ l-incident huwa sofra danni inkluza dizabilita’ permanenti. Is-socjeta konvenuta naqset li tersaq ghall-likwidazzjoni ta’ dawn id-danni u ghalhekk l-attur qed jitlob li s-socjeta konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-imsemmi incident, li jigu likwidati d-danni relattivi u li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas id-danni hekk liklwidati;

Da parti taghha s-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi li l-incident de quo gara tort u htija unikament tal-attur u

konsegwentement m’hemmx danni li ghandhom jigu likwidati;

Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta konvenuta qalet li l-mansjonijiet ta’ xoghol tal-attur ma’ kienux jinkludu l-ezercizzju ta’ doveri fuq il-makna de quo u li l-attur ma’nghata ebda istruzzjoni sabiex juza il-makna de quo. Is-socjeta konvenuta tkompli tispecifika li l-attur ma kienx qed jahdem fuq il-magna de quo izda mar fuq l-istess magna biex ilahlah ingwanta li kien libes. Il-makna qabdet l-ingwanta li kienn libes l-attur u ghalhekk sehh l-incident in kwestjoni. L-impjegati kollha kienu avzati sabiex ma jaghmlux l-operazzjoni li ttanta jghamel l-attur. Skond is-socjeta konvenuta l-makna kienet tiffunzjona sew u skond ir-regolamenti;

L-espert mediku kkonkluda li d-dizabilita li sofra l-attur kagun direttament tal-incident in kwestjoni kienet ta’ ghaxra fil-mija (10%);

Fir-rapport tieghu l-perit tekniku kkonkluda li l-mekkanizmu tar-rombli tal-magna u s-setting taghhom kienu fi stat tajjeb. L-operazzjoni tal-magna titlob li r-rombli, li huma parti ewlenija tal-magna, jridu jkunu mikxufa minn-naha ta’ fuq fejn isisr il-process ta’ tenderising. L-ispazzju ta’ bejn ir-rombli u l-fetha rettangolari ta’ fuq hu tajjeb u skond is-sengha. Trufijiet bhal materjal flessibli ta ingwanti tal-katina tal-metal minsuga, jistghu jinqabdu mir-rombli, jekk dawn jigu mghoddija minn fuq ir-rombli. Ma jirrizultax li kien hemm xi ‘safety switch’ fuq ic-cirkwit ta’ l-elettriku li kien ihaddem il-mutur tal-magna. Sabiex il-magna tkun fi stat tajjeb mill-att ta’ sigurta tas-sahha u l-hajja fuq ix-xoghol, irid ikun hemm safety pressure switch bhala parti integrali fic-cirwkit ta’ l-elettriku;

L-espert legali kkonkludiet billi sabet li s-socjeta konvenuta kienet responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghal griehi subiti mill-attur f'dan l-istess incident. L-espert legali inoltre llikwidat id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' hamest elef erba mija u sittin liri maltin u erbghin centezmi (Lm5460.40) Dan il-kalkolu sar a bazi ta' multiplier ta' sittax (16) il-sena u ta' dhul annwu ta' Lm4015. Ittiehdet ukoll in konsiderazzjoni l-grad ta' dizabilta' permanenti li wasal ghaliha l-espert mediku u cioe' ghaxra fil-mija (10%). Billi l-ammont li ser jigi likwidat ser jithallas f'salt l-espert legali kkonkludiet li ghandu jkun hemm detrazzjoni ta' hmistax fil-mija (15%). Ghalhekk Il-kalkolu sar kif gej - Lm4015 x 16 x 10% - 15% = Lm5460.40;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa dawn ir-relazzjonijiet kollha u taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li saru mill-esperti gudizzjarji u mal-konkluzjonijiet kollha li wasslu ghalihom l-istess esperti. Ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamilhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jwassal ghal xi bidla f'dawn il-konkluzjonijiet;

Fid-dawl ta dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha filwaqt illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u konsegwentement tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara s-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-incident in kwestjoni tas-7 ta' Ottubru 1997 u ghad-danni kollha li sofra l-attur b' konsegwenza tal-istess; tillikwida l-istess danni fis-somma komplessiva ta' hamest elef erba mija u sittin liri maltin u erbghin centezmi (Lm5460.40) u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-istess

somma ta’ Lm5460.40 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------